## ĠUŻA MIFSUD U L-PAPA

Il-bxara tal-miġja tal-Papa Benedittu XVI f'Malta żgur li qanqlet fost ħafna minna ferħ spiritwali. Min hu ftit biered jew saħansitra ma jemmen f'xejn jew jemmen biss f'dak li jaqbillu, ftit li xejn jista' jifhem dan il-ferħ.
Personalment din il-miġja ġabitli wkoll ħafna memorji ta' kemm il darba Ġuża kienet ikkomunikat mal-Papa Gwanni Pawlu II u kemm kienet issemmih u tfaħħru waqt il-laqgħat ta' talb fil-Girgenti.

### SILTIET MINN ITTRI

Kienu diversi l-ittri li matul iż-żmien Ġuża Mifsud kienet kitbet lil dan il-Papa Kbir u Qaddis. F'ittra li ġġib id-data tat-12 Marzu 1984, Ġuża kitbet hekk, "Għażiż Santita, il-Madonna ilha żmien twil tgħidli biex nitlob għalik... Dan huwa kliem tal-Madonna, 'Għid lill-Qdusija Tiegħu il-Papa, illi jiena kuntenta ħafna bih. Ikompli jaħdem aktar u kemm jista. Il-Mulej u jiena qegħdin dejjem miegħu biex ikompli jgħaqqad lid-dinja kollha fil-paċi... Għidlu jagħmel kuraġġ u jqawwi qalbu.'...

Għażiż Santita, il-Madonna qaltli, 'Għid lill-Qdusija Tiegħu il-Papa biex jgħid ħafna rigward fuq dawk l-erwieħ illi huma kkonsagrati lill-Mulej. U dawn l-erwieħ ikkonsagrati lill-Mulej huma il-Papa, Kardinali, Isqfijiet, saċerdoti, patrijiet u kull min hu taħt il-kundizzjoni tal-Papa, speċjalment dawk illi huma reliġjużi... Saċerdot mhux biżżejjed illi jagħmel il-quddiesa u jkun fil-konfessjonarju, imma jrid jobdi u jumilja ruħu għax meta jumilja ruħu jkun jista' jagħti eżempju.' Il-Madonna qaltli illi l-iżjed li jogħġob lilha hija l-umilta..."

F'ittra oħra bid-data 30 ta' Mejju 1984, reġgħet kitbet dwar is-saċerdozju kif ġej: "Jiena x'ħin kont qegħda nitlob, għal ħabta ta' xis-siegħa ta' billejl tat-30 ta' Mejju 1984, u l-ġurnata kienet l-Erbgħa, dak il-ħin kont qegħda nitlob għal-qdusija tas-saċerdoti u meta smajt il-leħen ta' l-għażiża Ommi Marija, qaltli, 'Binti, kompli itlob għax għandek bżonn li titlob għall-qdusija tas-saċerdoti. Binti, nixtieqek ħafna li tibgħat lis-suċċessur ta' San Pietru biex din il-biċċa xogħol rigward ta' l-erwieħ ikkonsagrati lill-Mulej u lil Ibni, jagħmilha u jirranġha anki għal min ikun ġej warajh għax hemm ħafna x'tirranġa fuq dan is-suġġett.'...

Il-Madonna qaltli, 'Is-saċerdot huwa l-mimmi ta' għajnejn Kristu u Kristu kien illi għamel is-saċerdot. Imma ma jfissirx illi s-saċerdot ma għadux il-mimmi ta' għajnejn Kristu. Ibda mis-suċċessur ta' San Pietru li għandkom preżenti. Qed



jagħti eżempju ħaj tal-fidi ta' Kristu. U jiena lil dan il-Papa qed ngħinu ħafna biex ikompli jaħdem b'dan l-entużjażmu li qed ifaħħar lill-Mulej, lil Ġesu u lili u ta' min ifaħħar il-ġest sabiħ u qaddis tiegħu. U issa għall-imħabba tiegħi, nixtieqek illi inti tibgħat tgħidlu li l-Madonna qaltlek biex is-saċerdot ikompli jwettaq il-virtu tal-kastita u taċ-ċelebat u ma' jkomplix jgħarraq is-sitwazzjonijiet tiegħu fid-dlam."

Jiena Ġuża illi jiena ħa nżid dan li ġej. J'Alla inti ddum mitt sena oħra ħaj u anki iżjed. Għażiż Santita', imma jiena lill-Madonna smajtha tgħidli biex inti tħalli bil-miktub biex iċ-ċelebat tas-saċerdoti jiġi b'ħafna stima u ma jinħall qatt."

F'ittra oħra li hija bla data hemm miktub hekk, "Għażiż Missieri, Qdusija tiegħek Papa Ġwanni Pawlu II, għadirni, skużani għax jiena bla skola u dgħajfa ħafna. Jiena waħda mill-iktar dgħajjfin fost uliedek, Ġużeppa Mifsud ta' 16, St. James Street, Siġġiewi, Malta.

Għażiż Qdusija tiegħek, il-Papa, inti lili ma tafnix, imma jiena lilek nafek ħafna permezz ta' l-għażiża Ommi Marija. Kemm-il darba kienet tiġi tispirani fis-siegħat tallejl u kienet tgħidli, "Binti, dan il-Papa ta' żminijietkom aktar kemm qiegħed jagħmel ġid aktar is-salib qed jiġri warajh." Ġiet li kont nisma' lil l-għażiża Ommi Marija titlob għalik u jiena niltaqa' ma qalbha u nibdew nitolbu għalik it-tnejn. Meta għamlulek l-attentat fuq ħajtek, il-Madonna darba urietni lilek f'viżjoni u rajtek fuq is-sodda b'dak is-sebgħa ta' wara, iż-żgħir iqattar id-demm u jiena lill-Madonna għidtilha, "Madonna, dawn kollha dnubiet biex ipatti għalihom dana r-ruħ qaddisa."

Għażiż Qdusija Tiegħek il-Papa, dan il-Bambin jippermettieh aktarx fuq dawk li jkunu jħobbuh."

Qaltli, "għidlu li l-Madonna qaltli li inti l-melħ ta' l-art, fjamma tixgħel fuq kull muntanja tad-dinja." Qaltli, "għidlu biex jgħid kemm jista' l-fidili biex jagħmlu ir-reċita tar-rużarju, għax id-dinja għandha bżonn ta' ħafna talb, u min jista' anka penitenza għandu jagħmel għal bżonnijiet tad-dinja. Kellmu ħafna fuq il-gwerer," qaltli, "Alla ħalaq id-dinja mhux biex tiġi mfarrka bil-gwerer, imħabba xi erba' boloh b'rashom iebsa biex taparsi kemm huma bravi, ifarrku d-dinja biċċa biċċa u ħadd ma jista' jirbaħ." Qaltli, "anka fuq il-gżejjer ta' Malta, dawn l-abbużi u din il-mibgħeda għandha bżonn tinqata'."



### IL-PROFEZIJA

Fil-laqgħa ta' talb li saret il-Girgenti fid-9 ta' Ottubru 1988 Ġuża qalet, "... Issa jiena ħa ngħidilkom illi l-Madonna qaltli, 'Tibżax, tibża minn ħadd, kompli xerred il-paċi f'artek u fid-dinja kollha... Il-Vigarju ta' Kristu... il-Papa qiegħed jissogra biex iġib il-paċi fid-dinja." Għandu ħafna għedewwa kontra tiegħu... imur ġol-komunisti, imur ġol-gwerer, imur kullimkien.' Qaltli biex min jista' jagħmel memento għalih jew jgħid Ave Maria lill-Madonna..."

Qabel spiċċat il-laqgħa reġgħet fakkret lill-folla sabiex kulħadd jitlob għall-bżonnijiet tal-Papa Ġwanni Pawlu II peress li dan kien ser jiltaqa' ma' xi nkwiet.

Ta' min jgħid li jumejn wara l-laqgħa ta' Ottubru, eżattament fil-11 ta' Ottubru 1988, waqt li l-Papa Ġwanni Pawlu II kien qiegħed fi Strasbourg jindirizza l-Parlament Ewropew, Rev. Ian Paisley, Protestant Irlandiż beda jgħajjar lill-Papa antikrist. Barra minn hekk Paisley beda jxejjer bandiera ħamra li fuqha wkoll kellha miktub 'Ġwanni Pawlu II antikrist'.

### MONS. BUONTEMPO, ĠUŻA U L-PAPA GWANNI PAWLU II

F'intervista li Mons. Buontempo kien ta ftit ġimgħat qabel ma miet, huwa rrakkonta kif mar għand Ġuża Mifsud l-ewwel darba fis-26 ta' Marzu 1984. Huwa qal hekk: "Darba minnhom ħuti s-sorijiet, naturalment ilu s-snin, qaluli, 'Sejrin għand waħda li tgħid li tkellimha l-Madonna.' Jien għidtilhom, 'Isma, mhux għax tgħid li tkellimha l-Madonna ser niġi magħkom, imma ser niġi magħkom biex inkun naf lil din il-persuna.' Ikkonvinċewni u morna s-Siġġiewi. Ħabbatna l-bieb u fetħitilna u l-ewwel kelma li qaltli, 'Għandi bżonnok.' Jiena għidt kif għandha bżonni din, hi qatt ma ratni, jien qatt ma kellimtha, kien diġa il-bidu.

Imbagħad bdejna nitkellmu dwar x'kellha bzonni. Qaltli, 'Għandi dan l-inkwadru,' - kellha nkwadru tal-Madonna mzejjen bl-isfar u l-abjad biex tibgħatu l-Papa. Kien tqil naturlament dan l-inkwadru, bil-figura tal-Madonna. Għidtilha, 'Jien kumbinazzjoni din il-ġimgħa sejjer Ruma, imma kif ħa nagħmel biex naqbad u nieħdu dan il-kwadru?'

Qaltli, 'Ħsiebtlek għal kollox. Hawn ġuvnott jiġi miegħek, jżommu hu u ppreparajtilkom ukoll biex meta taslu Ruma tmorru għand waħda soru u din tippreparalkom il-biljetti għal udjenza mal-Papa.'

Jien ma kellix bżonn min jagħmilli biljetti, kelli biżżejjed ħbieb kieku ridt Ruma, imma jiena umiljajt ruħi, baxxejt rasi u aċċettajt li mmorru hemmhekk. Issa dan kien diġa l-ewwel pass illi ġagħalni nidħol fija nnifsi u ngħid, 'Imma din il-mara minn hi?' Qatt ma ltqajt



magħha, qatt ma kellimtha, ma kinitx tafni, ma kontx nafha. Imbagħad aċċettajt, morna Ruma, kif wasalna morna fejn qaltilna hi, kien hemm telgħa tal-bejati Pawli biex immorru nkellmu lil din is-soru. Insomma tatna l-biljetti, jiena poġġejthom fil-but. Waslet il-ġurnata ta' l-udjenza u sibt li dawn il-biljetti kienu jintitolawna għal fuq il-balavostri, jiġifieri 'l fuq ħafna, il-Papa kien jidher daqshekk. Għidt, 'Kif ħa nagħmel biex nagħtihulu dan l-inkwadru...?'

Pero aħna u telgħin kien hemm uffiċċju u kien hemm miktub li min irid iħalli xi ħaġa lill-Papa iħalliha hawnhekk... Insomma morna, dħalna f'dan l-uffiċċju u għidtlu, 'Jiena għandi dawn l-affarijiet.'

Issa nagħmel parentesi ċkejkna, ma kinux biss dawn l-imbierek ta' kwadru, tatni ruxxmata dokumenti, qalti, 'Ittraduċihom bit-Taljan' u għamilt kopja tagħhom biex inkun nista' nħallihom lill-Papa, kemm domt hemmhekk jiġifieri, għaliex aħna mhux mill-ewwel morna, u dawn id-dokumenti kollha flimkien ma' dan l-imbierek ta kwadru ħallejthom hemmhekk, ħadli ismi u l-indirizz, qalli, 'Tirċievi konferma li dawn waslulu lill-Papa' u erġajna lura.

Għiditlha, 'Ġuż', għax imbagħad morna għandha naturalment, għidtilha, 'Jiena, lill-Papa ma tajthomlux f'idejh imma ħallejthomlu hemmhekk. Tikkonfondi xejn għax dan żgur ser jiktiblek.'

Għaddew xi tliet xhur u nirċievi telefonata min-Nunzjatura Appostolika u min kien hemm qalli, 'Għandi bżonn inkellmek.' Tani l-appuntament u mort hemmhekk, u qalli, 'Dawk l-affarijiet kollha li ħallejt lill-Papa waslulu.' Ma tagħnix dokument imma qalli li waslulu u dan ikkonvinċini."

Nerġgħu lura għall-preżent. Nitolbu lil Alla għall-Papa Benedittu li wkoll iħabbat wiċċu ma' ħafna tfixkil fil-ħidma tiegħu. Għal ħafna jidher li l-uniku interess tagħhom hu biss dak li jippruvaw iwaqqgħu għaċ-ċajt kullma hu reliġjuż, kullma għandu x'jaqsam mal-Knisja ta' Kristu.

Nittamaw li din il-miġja ma tkunx biss sempliċi żjara statali iżda tħalli l-marka tagħha fuq il-Maltin u l-Għawdxin kollha. Nitolbu li meta s-Suċċessur ta' San Pietru jitlaq minn gżiritna tibqa' fostna l-ħeġġa biex nersqu dejjem aktar lejn il-Mulej.

Sylvana Spiteri LL.D

## AVVIŻI IMPORTANTI

IT-2 TA' MEJJU 2010

Dak inhar niffesteġġjaw l-erbgħa u għoxrin sena minn meta Ġuża Mifsud tellgħet l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti. Hija haġa sabiħa li dakinhar niltaqgħu ilkoll flimkien, nitolbu flimkien u nirringrazzjaw lis-sema flimkien. Inħeġġiġkom minn issa sabiex iżżommu dan l-appuntament mal-Madonna. Hi qatt ma tonqos mill-għajnuna tagħha, ejjew aħna wkoll nagħtu s-sehem tagħna!

IS-6 TA' ĠUNJU 2010

Laqgħa oħra importanti fejn bil-permess ta' Mons. Arċisqof ser nagħmlu Adorazzjoni Ewkaristika fil-preżenza ta' Ġesu Sagramentat. Ejjew ħalli flimkien infaħħru lil Ġesu u npattu għad-disprezzi li huwa jirċievi minn tant bnedmin.

## GRAZZI LILL-FRERES

F'isem il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni u d-devoti tal-Madonna nirringrazzja lil Freres tal-Gzira, b'mod speċjali lil Bro. Emanuel tal-paċenzja li ha sabiex jiġbor id-dokumenti marbuta mal-Girgenti li kellu l-mibki Bro. Victor. Dawn id-dokumenti ġew mgħoddija lill-Kumitat u ġew klassifikati skond in-natura tagħhom. Jispikka fuq kollox kemm Bro. Victor kellu għal qalbu dan il-fuljett. Kien welldu hu u għal snin twal kien l-Editur apparti li kien ukoll jieħu ħsieb l-istampar tiegħu u kien iqassam mijiet ta' kopji, kemm b'idejn kif ukoll bil-posta. Kien ukoll jagħmel hiltu sabiex jiġbor id-dettalji tal-grazzji maqlugħa u tispikka wkoll id-dedikazzjoni kbira li biha kien iwieġeb lil kull min kien jiktiblu. Żgur li llum qed jaħsad il-frott tax-xogħol tiegħu. Mulej agħti lil Bro. Victor u lill-membri mejtin l-oħra tal-Moviment il-mistrieħ ta' dejjem....

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek. Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. Glorja lill-Missier...



## GRAZZJI MAQLUGĦA

- M. Azzopardi mill-Belt kitbet biex tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna qalgħet il-grazzja li f'Ġunju 1988 kienet waħda minn dawk li kienu preżenti l-Girgenti u rat il-fenomenu li seħħ dakinhar. Tgħid li dakinhar rat is-salib u l-Ostja u li din id-dehra tibqa' f'moħħha u f'qalbha għal dejjem.
- N.N. kitbet din l-esperjenza: Xi tnejn u għoxrin jew tlieta u għoxrin sena ilu marret għand Ġuża flimkien ma' qaribha tagħha. Lil qaribha tagħha Ġuża qaltilha biex ma tħallix lit-tobba jmissulha jdejha għax il-Madonna kienet ser tfejjaqha, kif filfatt ġara.
  Tkompli tikteb hekk: "F'hin minnhom rajna l-Madonna jitla' l-kulur f'wiċċha u tgħolli għajnejha 'l fuq u aħna t-tnejn ħarisna lejn xulxin bla ma għidna kelma. Ġuża staqsiet x'ġara u aħna weġibniha li ma kien ġara xejn. Ġuża baqgħet tinsisti u x'ħin għidnilha x'rajna (bla ma wrejna lil xulxin x'se ngħidu), Ġuża qalet li l-Madonna kienet qed titlob lil Binha għax dak kien il-ħin li joħorġu l-ħaddiema mix-xogħol u l-volum ta' dagħa li jsir il-Madonna ma kinitx tifilħu. Kompliet tgħidilna li l-Madonna kienet ferħana bina għax dik il-mossa ma tagħmilhiex ma' kulħadd."
- C. Curmi minn Għawdex tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud.
- A. Xuereb mill-Birgu tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud.
- J. Grech minn Għawdex tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti.

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu sopran-naturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.



## AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 4 ta' April 2010 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Mejju 2010 fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Ġunju 2010 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Lulju 2010 fis-6.30p.m.
   Il-laqgħa tat-2 ta' Mejju 2010 li taħbat f'għeluq l-24 sena mit-tqegħid ta' l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti tibda b'pellegrinaġġ minn tarf it-triq il-qadima.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor "Nitolbu ma' Marija" li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud. Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej:
**www.ourladyofconsecration.org**

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 82 APRIL 2010 JITQASSAM BLA ĦLAS



"Il-Madonna qaltli, 'F'dawk l-inħawi tal-Girgenti, jiena rrid li jkun hemm l-għuda tas-salib … Dak qiegħed fejni bħala rahan ta' fidwa, mhux biss għal-gżejjer ta' Malta u Għawdex tagħkom, imma għad-dinja kollha.'"

Ġuża Mifsud
Frar 1987

Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni
jawgura Għid Hieni
lill-membri kollha tal-Moviment,
lill-qarrejja ta' dan il-fuljett,
lill-Maltin u l-Għawdxin u l-proxxmu kollu.
Ġesu qalilna, "Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, wkoll jekk imut igħix u kull min igħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt."